



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Jannar 2020
(OR. en, fr)

5186/20

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0235(NLE)

PECHE 10

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	13438/19 + ADD 1-2 - COM(2019) 483 final
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni - <i>Dikjarazzjonijiet</i>

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmużin id-dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Rigward ir-Raja Ondjata fis-subżona 8 (il-Kummissjoni)

Il-Kummissjoni ser titlob parir xjentifiku mill-ICES dwar l-opportunità li tiġi stabbilita TAC awtonoma għar-raja ondjata fis-subżona 8 tal-ICES. Il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES biex, jekk possibbli, jipprovdi dan il-parir fil-ħin biex jiġi kkunsidrat fl-ewwel emenda għall-opportunitajiet tas-sajd għall-2020. Abbażi tal-parir xjentifiku, jekk adegwat, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li ttipproponi emenda għall-opportunitajiet tas-sajd għall-2020.

Rigward it-tnaqqis de minimis għal-lipp fil-Baħar tat-Tramuntana u l-iskampu fi Skagerrak u Kattegat (il-Kummissjoni)

Il-Kummissjoni tieġu nota tal-intenzjoni tal-Istati Membri tal-Grupp Reġjonali tal-Baħar tat-Tramuntana (Grupp Scheveningen) li jippreżentaw rakkomandazzjoni konġunta riveduta li terġa' ddaħħal l-eżenzjoni de minimis għal-lipp taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għal bastimenti li jużaw tkarkir tal-qieġh (OTB, OTT u PTB) bid-daqs tal-malja li jkun inqas minn 120mm fil-Baħar tat-Tramuntana (żona 4 tal-ICES), u wkoll li terġa' tintroduċi l-eżenzjoni tas-sopravivenza għolja għall-iskampu fid-diviżjoni 3a tal-ICES li jinqabad bit-tkarkir tal-qieġh (OTB, OTT, TBN) li jkun mgħammar b'manka bid-daqs tal-malja ta' mill-inqas 70 mm bi spazju bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 35 mm.

Dment li jiġi adottat il-pjan għall-iskartar rivedut, wara l-valutazzjoni mill-STECEF, il-Kummissjoni ser tikkunsidra, jekk adegwat, li tippreżenta proposta għal emenda matul is-sena għar-regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 biex jiġi aġġustat il-livell tat-TACs għal-lipp u għall-iskampi sabiex jittieħed kont tar-rata ta' skartar permissibbli.

Rigward il-kwota tal-qabdiet inċidentali tal-ħalibatt Internazzjonali ta' Greenland (l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Kummissjoni)

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati ser ifittxu soluzzjoni fit-tul għall-kwistjoni tal-qabdiet inċidentali tal-ħalibatt ta' Greenland fis-sajd imħallat, filwaqt li jikkunsidraw il-parir xjentifiku. Il-Kummissjoni ser tinvolvi ruħha mal-Istati Kostali rilevanti bil-għan li jintlaħaq qbil dwar ġestjoni konġunta sostenibbli tal-ħalibatt ta' Greenland fil-Baħar Barents, abbażi tar-rekord tal-qabdiet preċedenti tal-Unjoni Ewropea. Jekk ma jkunx possibbli li jintlaħaq qbil, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tagħmel proposti xierqa għall-kwota unilaterali, abbażi tal-parir xjentifiku u tar-rekord tal-qabdiet storiċi.

Rigward il-possibbiltà li jiġu stabbiliti TACs pluriennali għall-istokkijiet fl-Atlantiku tal-Grigal (il-Kummissjoni, Franza, in-Netherlands, Spanja u l-Iżvezja)

Il-ġestjoni tas-sajd tal-UE fl-Atlantiku tal-Grigal tista' tibbenefika minn aktar prevedibbiltà u stabbiltà fl-istabbiliment tal-Qabdiet Totali Permessibbli (TACs). Għal ċerti stokkijiet fl-Atlantiku tal-Grigal li huma ġestiti mill-Unjoni Ewropea biss (mhux stokkijiet kondiviżi), l-istabbiliment tat-TACs pluriennali jista' jkun previst li jikseb dan l-oġettiv.

Il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES biex iwettaq valutazzjoni xjentifika tal-possibbiltà li tinbidel l-iskeda ta' żmien għal ċerti TACs fid-dawl tar-rekwiżit li jiġi żgurat li l-istokk ikkonċernat jibqa' fir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u flimiti bijoloġiċi sikuri fit-terminu qasir u f'dak medju. Minbarra s-sistema ta' TACs pluriennali, l-ICES ser jintalab jivvaluta l-kontribut potenzjali tal-applikazzjoni ta' għodod ta' konservazzjoni oħra biex l-istokk ikkonċernat jinżamm f'MSY u flimiti bijoloġiċi sikuri.

Għat-TACs li ser jibqgħu jiġu stabbiliti kull sena, l-ICES ser jintalab janalizza approċċi possibbli biex jikkontribwixxu għal stabbiltà interannwali tat-TACs.

Rigward il-valutazzjoni xjentifika għall-gambli fi Fladen ground fil-Baħar tat-Tramuntana
(id-Danimarka)

Id-Danimarka tieħu l-impenn li tesplora l-possibbiltà ta' titjib kosteffiċjenti (ibbażat fuq data minn sajd kummerċjali) tal-valutazzjoni xjentifika għall-gambli fi Fladen ground fil-Baħar tat-Tramuntana, bl-għan fit-tul li tinkiseb valutazzjoni analitika għal dan l-istokk mill-ICES.

Rigward proġett dwar sajd kompletament dokumentat fil-Kattegat (id-Danimarka)

Il-proġett ser ikopri l-maġġoranza tas-sajd Daniż bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fil-Kattegat.

Il-proġett ser ikun ibbażat fuq ir-rekwiżiti u l-istandards definiti fid-dokument tal-EFCA dwar linji gwida tekniċi u speċifikazzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' Telesorveljanza (REM) fis-sajd tal-UE.

Il-proġett ser jibda f'Jannar 2020 u ser ikun implimentat fi tliet fażijiet. Il-proġett ser jitmexxa minn Kumitat ta' Tmexxija.

- L-ewwel fażi (Jannar - Awwissu 2020) - fażi ta' thejġija. F'din il-fażi ma jsir l-ebda użu ta' sajd kompletament dokumentat, iżda ser titħejja l-introduzzjoni.
- It-tieni fażi (Settembru 2020 - Ġunju 2020) - fażi ta' implimentazzjoni. F'din il-fażi, l-użu ta' sajd kompletament dokumentat jiġi introdott gradwalment u jintuża bħala miżura ta' kontroll supplimentari fis-sajd bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fil-Kattegat.
- It-tielet fażi (Lulju 2020 - Diċembru 2022) - fażi ta' evalwazzjoni. F'din il-fażi, ikompli l-użu tas-sajd kompletament dokumentat bħal fil-fażi 2, iżda ssir evalwazzjoni tal-proġett f'kooperazzjoni mal-EFCA.

F'Settembru 2020 ser jiġu installati l-ewwel cameras fuq l-ewwel bastimenti (il-kriterji għall-għażla tal-bastimenti ser jiġu stabbiliti mill-Kumitat ta' Tmexxija). Il-kronoloġija għall-introduzzjoni ta' sajd kompletament dokumentat għall-bastimenti li jifdal ser tiġi stabbilita mill-Kumitat ta' Tmexxija.

Il-bastimenti li mhumiex koperti minn sajd kompletament dokumentat ser ikollhom jużaw irkapti selettivi definiti fir-regolament.

Il-bastimenti koperti minn sajd kompletament dokumentat ser jużaw irkapti f'konformità mar-regolament dwar miżuri tekniċi jew irkaptu ieħor li huwa selettiv bl-istess mod.

Il-bastimenti li jtellgħu abbord tagħmir għal sajd kompletament dokumentat fl-2020 mhux ser ikunu obbligati jużaw l-irkapti selettivi kif definiti fir-regolament dwar it-TAC u l-kwoti fl-2020.

Impenn min-naħa ta' Franza u Spanja dwar is-sajd tal-ispnotta fil-Bajja ta' Biscay

Sabiex ikunu konformi mal-limitu massimu tal-qabdiet ta' 2533 tunnellata rrakkomandat mill-ICES, Franza u Spanja jimpenjaw ruħhom li, fir-rigward ta' qabdiet kummerċjali, jiżguraw il-konformità mal-limitu massimu ġenerali għal qabdiet kummerċjali definiti kif ġej:

- Għal Franza, limitu massimu stabbilit għal 95% tas-sehem allokat għas-sajd kummerċjali, b'żieda ta' 20 tunnellata, jiġifieri 2032 tunnellata għall-2020.
- Għal Spanja, limitu massimu stabbilit għal 5% tas-sehem allokat għas-sajd kummerċjali, bi tnaqqis ta' 20 tunnellata, jiġifieri 86 tunnellata għall-2020.

Rigward il-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana (ir-Renju Unit)

Ir-Renju Unit huwa impenjat li juża l-aqwa parir xjentifiku u evidenza disponibbli biex jieħu deċiżjonijiet ta' ġestjoni ta' stokk sostenibbli b'mod infurmat. Il-bakkaljaw huwa mifruq ħafna fil-Baħar tat-Tramuntana kollu, iżda issa hemm indikazzjonijiet ta' differenzi li żviluppaw fuq perijodu ta' żmien fl-abbundanza ta' bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana kollu. Kwalunwe implikazzjoni ta' dawn id-differenzi fuq deċiżjonijiet ta' parir u ta' ġestjoni mhijiex ċara u allura r-Renju Unit iħeġġeġ biex immedjatement tibda l-ħidma biex jitjieb il-fehim kumplessiv tal-impatti li differenzi bħal dawn jistgħu jkollhom fuq il-parir xjentifiku li huwa ġġenerat mill-ICES. Din il-ħidma għandha tiġi kkompletata sabiex tkun tista' tinforma n-negozjati u d-deċiżjonijiet ta' ġestjoni s-sena li ġejja.

Rigward is-sajd għall-iskampu fl-unitajiet funzjonali 25 u 31 (Spanja u l-Kummissjoni)

Spanja hija impenjata għas-sostenibbiltà tas-sajd għall-iskampu. Spanja ser tkompli taħdem mal-korp xjentifiku tagħha, bl-appoġġ tal-industrija tas-sajd, sabiex ittejjeb l-għarfien xjentifiku ta' dawn l-istokkijiet. Dan l-għarfien xjentifiku għandu jiġi ppreżentat lill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-ICES, bil-ħsieb li jivvaluta l-evoluzzjoni tal-istokkijiet ikkonċernati. Wara evoluzzjoni pożittiva ċara ta' dawn l-istokkijiet, li twassal għal rievalwazzjoni tal-istatus attwali ta' TAC zero mill-ICES, il-Kummissjoni ser tqis proposti xierqa għall-emendar tal-opportunitajiet tas-sajd għal dan l-istokk.

Rigward il-bażi għall-istabbiliment tat-TAC għall-barbun tat-tbajja' fil-Fliegu (il-Kummissjoni)

Il-Kummissjoni ser titlob lill-STEFC biex jeżamina l-bażi għall-parir dwar qabdiet imħallta għall-barbun tat-tbajja' fid-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES għall-unità PLE/7DE tat-TAC. Wara r-rieżami mill-STEFC, il-Kummissjoni ser tikkunsidra, jekk xieraq, li tippreżenta proposta għal emenda matul is-sena għar-regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 biex jiġi aġġustat il-livell tat-TAC għall-barbun tat-tbajja' sabiex jittieħed kont ta' kwalunkwe reviżjoni meħtieġa.

Rigward il-flessibbiltà bejn iż-żoni għall-barbun tat-tbajja' fil-Baħar Ċeltiku (il-Kummissjoni, Franza, in-Netherlands u r-Renju Unit)

Franza, in-Netherlands, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni jagħrfu li l-istruttura tal-istokk tal-barbun tat-tbajja' fil-Baħar Ċeltiku mhix magħrufa biżżejjed (kategorija 3). Konsegwentement, il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES biex jivvaluta kif jista' jitjieb l-għarfien xjentifiku dwar l-istokk tal-barbun tat-tbajja' fil-Baħar Ċeltiku, bil-ħsieb tal-valutazzjoni tal-impatt ta' flessibbiltà bejn iż-żoni possibbli għall-barbun tat-tbajja' bejn iż-żoni 7e jew 7fg u 7hjk.

**Rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku għal COD/03AS;
COD/5BE6A; WHG/56-14; WHG/07A u PLE/7HJK fl-2020 (il-Belġju, id-Danimarka, Franza,
il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit)**

Peress li l-bijomassa tal-istokkijiet ta' COD/03AS; COD/5BE6A; WHG/56-14; WHG/07A u PLE/7HJK hija inqas minn B_{lim} u li fl-2020 ser jiġu permessi biss il-qabdiet aċċessorji [u s-sajd xjentifiku], sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokkijiet f'konformità mar-Regolament (UE) [NS MAP / WW MAP], il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2020. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għal dawn l-istokkijiet.

Rigward il-flessibbiltà bejn iż-żoni għal stokkijiet bijoloġiċi differenti (il-Kummissjoni)

Il-Kummissjoni ser tippreżenta talba lill-ICES biex jipprovdi parir xjentifiku dwar jekk il-flessibbiltà bejn iż-żoni tkunx sostenibbli, anke fit-tul, filwaqt li tinnota li l-parir xjentifiku attwali jindika li din il-flessibbiltà tapplika għal żewġ stokkijiet differenti. It-talbiet li ġejjin ser jiġu ppreżentati:

Stat Membru	Speċijiet	Minn	Għal	% ta' flessibbiltà mitluba	Kundizzjonijiet
Franza	Pollakkju	7	8abde	5 %	
Franza	Merlangu	2a, 4	7b-k	5 %	7d biss

Rigward il-bakkaljaw fil-Baħar Ċeltiku (il-Kummissjoni)

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforzi tal-Kunsill biex jipproteġi l-bakkaljaw fil-Baħar Ċeltiku, permezz taż-żieda ta' miżuri ta' selettività bħaż-żieda fid-daqs tal-malja u l-użu ta' rkaptu tas-sajd selettiv. Madankollu, minħabba l-livell storikament baxx tal-bijomassa tal-bakkaljaw fil-Baħar Ċeltiku (il-valur tal-bijomassa huwa ta' 1665 tunnellata u l-valur B_{lim} huwa ta' 7300 tunnellata), il-Kummissjoni kienet tippreferi li t-TAC għall-bakkaljaw tal-Baħar Ċeltiku tkun stabbilita f'livell aktar kawt, bil-għan li jkun żgurat irkupru aktar rapidu tal-istokk, waqt li jitqiesu l-oġettivi tal-pjan pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent.

Rigward it-tnaqqis tal-eżenzjonijiet għall-barbun tat-tbajja' fil-Kattegat (il-Kummissjoni)

Wara kjarifika ulterjuri mid-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja dwar il-ħatt l-art u l-iskartar tagħhom għall-2018 tal-barbun tat-tbajja' minn bastimenti li għandhom jiġu eżentati mill-obbligu tal-ħatt l-art fil-Kattegat fl-2020, il-Kummissjoni ser tqis, jekk xieraq, li tippreżenta proposta għal emenda matul is-sena għar-regolament dwar l-oportunitajiet tas-sajd għall-2020 li taġġusta l-livell tal-PLE/03AS. It-TAC għall-barbun tat-tbajja' għandha tqis ir-rata riveduta ta' skartar permissibbli.

Preferenzi tal-Aja (il-Belġju, il-Ġermanja, id-Danimarka, Franza u n-Netherlands)

Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza u n-Netherlands huma tal-fehma li fl-1983 intlaħaq qbil dwar l-iskali għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-Istati Membri. Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi ta' stabbiltà relattiva, li hija prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd. Aħna tal-fehma li l-preferenzi tal-Aja jmorru kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

Rigward l-impenn biex jissolvew speċijiet bi kwoti limitanti ta' Stati Membri b'allokazzjoni ta' kwoti għal ebda qbid permezz ta' skambji (Il-Grupp ta' Ibħra tal-Majjistral, jiġifieri l-Belġju, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands, Spanja u r-Renju Unit)

L-Istati Membri kkonċernati ser jaħdmu biex iwettqu l-iskambji neċessarji biex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' kwoti limitanti għall-istokkijiet li ġejjin, filwaqt li jiġu koperti l-ħtiġijiet mill-Istati Membri mingħajr allokazzjoni ta' kwoti f'dawk l-istokkijiet:

- Pollakkju iswed, POK 7/3411
- Lingwata, SOL/7BC.
- Lingwata, SOL/56-14
- Lingwata, SOL/7FG
- Bakkaljaw, COD/5W6-14
- Barbun tat-tbajja', PLE/56-14
- Barbun tat-tbajja', PLE/7BC
- Merlangu, WHG/7X7A-C
- Minfaħ, BOR/678

L-ammont ta' skambji ta' kwoti minn din il-lista għandu jkollu l-għan li jippermetti lill-Istati Membri mingħajr allokazzjoni biex joperaw b'mod effettiv mill-1 ta' Jannar 2020 billi jkopri l-qabdiet inċidentali inevitabbli stmati minn kull Stat Membru.

L-Istati Membri li jirċievu l-iskambji ser jipprovdu min-naħa l-oħra kwoti mill-Anness IA tar-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd.

L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jagħmlu sforzi sabiex jinstab kompromess u sabiex jiġu organizzati skambji ġusti tal-kwoti billi tintuża rata ta' skambju tas-suq jew rati ta' skambji oħra aċċettati reċiprokament. Fin-nuqqas ta' alternattivi, ser jintuża l-valur ekonomiku ekwivalenti f'konformità mal-prezzijiet medji tal-UE tas-sena preċedenti, kif previst mill-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u l-Akkwakultura (EUMOFA).

Rigward l-iskambji ta' kwoti għall-merluzz tan-nofsinhar, il-petriċa u l-megrimis fit-taqsim
8c u fis-subżona 9 (il-Portugall u Spanja)

Spanja u l-Portugall ser jaqblu dwar skambji ta' kwota neċessarji għall-merluzz tan-nofsinhar, il-petriċa u l-megrimis fl-ibħra Iberiċi biex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' kwoti limitanti.